il-Għejjer

IS-SITT SENA AWISSU, 1977 NRU 72

# TRATTAT KUMMERĊJALI MAT-TUNEŻIJA



Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tat-Tuneżija, Mr Habib Chatty, dan l-aħħar kien hawn Malta għal żjara ta' tlett ijiem. Matul din iż-żjara huwa iffirma trattat kummerċjali ma' Malta. Għan-naħa tal-Gvern Malti iffirma l-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament l-Avukat Joseph Cassar.

Il-Ministru Tuneżin kellu wkoll laqgħa mal-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff fil-Berġa ta' Kastilja.

# TAGĦRIF MILL-PARLAMENT

## REĠISTRAZZJONI GĦAX-XOGĦOL

Ir-raġuni prinċipali għaliex xi nies ma jiġux reġistrati għax-xogħol temporanjament hija li jew ikunu tkeċċew fuq kawża ġusta jew telqu mill-impieg tagħhom mingħajr kawża ġusta.

* * *

## EŻAMI TA' ILMA BAĦAR

Id-Dipartiment tas-Saħħa jeżamina regolarment kampjuni ta' l-ilma baħar minn diversi bnadi kollha ta' Malta u Għawdex speċjalment fejn jista' jintuża għal għawm inklużi fejn isir sport akwatiku, kif ukoll mis-swimming pools tal-lukandi.

Matul ix-xahar ta' Ġunju li għadda ġew analizzati 291 kampjuni minn Malta u 60 minn Għawdex u Kemmuna. Fost il-postijiet hemm — San Ġiljan, tas-Sliema, ix-Xgħira, Ta' Xbiex, Marsaskala, Birżebbuġa, Għajn Tuffieħa, Senglea, Vittoriosa, Cospicua, Kalkara, Wied iż-Żurrieq, St Thomas Bay, Baħar iċ-Ċagħaq, Salina, Għar Lapsi, Marsaxlokk, Delimara, St Paul's Bay u Valletta.

Il-Bajja ta' San Ġorġ, Birżebbuġa, kif ukoll li Strand Tas-Sliema ġew iddikjarati li ma jistgħux jiġu wżati għal għawm sa ma' joħroġ avviż ieħor.

* * *

## PENSJONI MINĦABBA INKAPAĊITA MENTALI

Biex tifel ikollu dritt għal pensjoni dwar persuna mentalment inkapaċitata taħt l-Att ta' l-1948 dwar il-Pensjonijiet għax-Xjuħ, irid ikun mill-inqas ta' sittax-il sena.

Għalhekk meta t-tifel jilħaq is-sittax-il sena, jista' japplika għal pensjoni u fl-istess ħin l-allowance tat-tfal jaqa' fuq ir-raba' tifel jekk dan ikun twieled qabel l-1 ta' Novembru, 1974.

* * *

## BDIEWA F'MALTA U GĦAWDEX

Skond l-aħħar ċensiment li sar mill-Uffiċċju Ċentrali ta' l-Istatistika n-numru ta' bdiewa f'Malta kien 5,237 full-time (inklużi 527 full-time employees) u 8,144 part-time f'Settembru 1976. In-numru ta' bdiewa f'Għawdex fl-istess xahar kien 1,328 (inklużi 19 full-time employees) u 2,634 part-time. Dawn huma il-figuri finali.

* * *

## LEAVE TA' L-IMPJEGATI TAL-GVERN

Il-leave ta' l-impjegati kollha issa ġie stabbilit għal mhux aktar minn 20 ġurnata jew 4 ġimgħat fis-sena.

Ma sar l-ebda tibdil fl-Estacode fejn għandu x'jaqsam mall-kondizzjonijiet li taħthom impjegat tal-Gvern jista' jġemma xi ftit mil-leave tiegħu biex jieħdu s-sena ta' wara.

* * *

## LIĊENZJI TAL-"HOLIDAY FLATS"

Skond ir-regolamenti dwar il-liċenzji tal-"holiday flats" id-dritt ta' liċenzja huwa ta' £M15 kull 'flat'. Hemm ukoll dritt ta' 25 ċenteżmi fuq kull ċertifikat ta' klassifika 'B', u ħamsin ċenteżmi fuq kull ċertifikat ta' klassifika 'A'. Id-dritt tat-taxxa tal-boll huwa ta' 2 ċenteżmi u 5 milleżmi fuq kull riċevuta, sew għaċ-ċertifikat kif ukoll fuq kull riċevuta ta' liċenzja.

Kif ġa ħabbar il-Bord dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu ikel, l-avviżi għal-liċenzji tal-"flats" qed joħorġu b'numru meqjus, u fi ftit żmien ikunu ħarġu l-avviżi kollha. Dan qed isir sabiex minħabba fin-numru kbir ta' liċenzji li għandhom jittieħdu l-Uffiċċju tal-Bord ma jkunx hemm konġestjoni jew dewmien b'inkonvenjenza għall-pubbliku.

Il-"flats" ġew klassifikati f'żewġ kategoriji, jiġifieri, fil-kategorija: 'A' (ta' l-ewwel klassi) u 'B' (tat-tieni klassi). Fil-każi kollha klassifikabbli l-Bord ħa ħsieb li l-post jiġi spezzjonat kif jixraq qabel il-klassifikazzjoni.

* * *

## PERSUNI LI GĦANDHOM "WORK BOOK"

Sal-31 ta' Mejju 1977 id-Dipartiment tax-Xogħol u Emigrazzjoni ħareġ 130,102 kotba tax-Xogħol (Workbooks) li minnhom 15,947 huma ta' persuni li bħalissa la qegħdin jaħdmu u l-anqas jirreġistraw għax-xogħol.

Ir-raġuni tista' tkun li dawn il-persuni, mietu, emigraw, irtiraw bil-pensjoni, kienu għal xi żmien ħadmu bħala "outworkers" jew "student workers", jew fil-każ tan-nisa jkunu iżżewwġu u ma baqgħux jaħdmu.

# inti u l-liġi

*Meta wieħed ma jħallasx iċ-ċens fi żmienu x'passi jistgħu jittieħdu kontra tiegħu? Nista' nibgħatlu xi jfakkru li ċ-ċens għalaq? Għalkemm dan għandu ċans 3 snin biex iħallas iċ-ċens, is-sid ma jistax jinsisti għall-puntwalità?*

Veru li skond il-liġi, jekk ċenswalist ma' jħallasx iċ-ċens għal tliet snin, is-sid ikun jista' jitlob il-Qorti biex jinħall mill-kuntratt. Imma dan ma jfissirx li iċ-ċenswalist, sakemm ma jdumx ma jħallas tlett snin, jista' jdum kemm irid. Iċ-ċens, bħall-kera, għandu jitħallas puntwalment. Infatti, is-sid jista' jieħu passi għall-ħlas taċ-ċens u għall-imgħax kull darba li ċ-ċenswalist idum ma jħallas.

* * *

*Jiena xtrajt għalqa, u jiena u s-sid għamilna il-konvenju. In-nutar kien qalli li l-konvenju jiswa għal sitt xhur. Issa ż-żmien dalwaqt jagħlaq. Fil-każ li s-sid jerġa' lura minn kliemu, jekk jogħġbok, x'nista' nagħmel?*

La n-Nutar qallek li l-konvenju kien jispiċċa jekk igħaddu sitt xhur u inti għandek interess li tixtri l-għalqa, oqgħod attent. Jekk tara li s-sitt xhur qed joqorbu mur għand in-Nutar u għidlu biex iġeddidilkom il-konvenju għal xahar jew xahrejn, jew kemm hemm bżonn. Fil-każ li tara li l-bejjiegħ qed jipprova jiskarta ibgħatlu ittra uffiċjali *qabel* jagħlaq iż-żmien. L-avukat li jagħmillek l-ittra uffiċjali, imbagħad, iwissik hu. Jekk inti ħallejt xi kapparra, u l-bejgħ ma jsirx ħtija tal-bejjiegħ, dan ikun obbligat iroddlok *id-doppju* tas-somma li ħallejt bħala kapparra. Jekk ħallejt kapparra u l bejgħ ma jsirx ħtija tiegħek, il-kapparra titlifha. U la qed nitkellmu fuq "kapparra" jaqbel li nifthilkom għajnejkom għall-fatt li, jekk is-somma li titħalla tissejjaħ "kapparra", jiġri dak li għadni kif spjegajt, jekk il-bejgħ ma jsirx, imma jekk fuq il-konvenju tissejjaħ "parti mill-prezz", jew "part payment" u l-bejgħ ma jsirx, ħadd ma jitlef xejn.

* * *

*Jiena kont ħadt post b'ċens. Issa dan skada u ġa għaddew sentejn u sid il-kera qiegħed jagħmilli l-irċevuta regolari. Qabel ma spiċċa ċ-ċens, ħarġet Requisition Order. Issa sur Avukat, jiena nixtieq nibdel ma post. Anke jekk nerġa' nieħdu dan l-istess post b'ċens, biex inkun nista' nibdel ma' post ieħor, nista' nagħmlu dan mingħajr il-permess tal-Housing?*

Ftakar li l-Housing Department ħareġ ir-Requisition Order biex isalvak minn sitwazzjoni diffiċli. La d-dar ġiet rekwiżizzjonata, tibqa' rekwiżizzjonata sakemm ma jkunx hemm "Derequisition Order". Int ma tistax tiddispondi minn dar rekwiżizzjonata sakemm ma jiġix irtirat r-Requisition Order.

* * *

*Jekk mara miżżewġa, bit-tfal, ikollha kapital f'Bank b'isimha, u dawn il-flus ikunu parti tagħha, mfaddlin minnha, u parti tahomlha r-raġel, fil-każ li jmut ir-raġel bla testment, din tkun tista' tiġbidhom mingħajr il-firma tat-tfal?*

Il-flus, ikunu f'isem ir-raġel, jew f'isem il-mara, jew f'isem it-tnejn flimkien huma *dejjem* tal-komunjoni, la ġew depositati matul iż-żwieġ. Għaldaqstant, jekk żewġek imut qablek, bla testment, in-nofs tiegħu jaqgħu fuq it-tfal immedjatament. Jekk ikun hemm testment fejn żewġek iħallik użufruttwarja, dak in-nofs tieħu l-imgħax tiegħu tul ħajtek. Għandek pero' il-vantaġġ li la dak il-kapital qiegħed b'ismek, inti tista' tiġbdu *kollu* meta trid, u ħadd fil-Bank m'għandu dritt jistaqsik jekk dawk il-flus humiex kollha tiegħek jew jekk humiex tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u dan skond l-Art. 1362 (3) tal-Kodiċi Ċivili kif amendat bl-Att Nru. 46 tal-1973.

* * *

*Jiena użufruttwarja ta' dar li fiha joqgħod ibni. Issa dan irid ibiegħha. Jekk jiena nagħtih il-permess, nitlef l-użufrutt?*

Oqgħod attenta, it-tifel tiegħek hu l-propretarju, u jista' jbiegħ il-proprjetà. Jekk jagħmel hekk, inti tibqa' użufruttwarja tad-dar, għax id-dar tkun imbiegħet suġġetta għall-użufrutt tul għomrok u ħadd ma' jista' joħodlok dak id-dritt, jiġifieri id-dritt li toqgħod fiha; tieħu il-kera tagħha, jew tikriha. Imma jekk inti tersaq fuq il-kuntratt tal-bejgħ u tirrinunzja għall-użufrutt, inti titlef kollox. Ara li ma tiffirmax xi karta qabel ma tkun staqsejt sewwa x'fiha; Jekk it-tifel għandu bżonn assolutament li jbiegħ id-dar, u inti trid tikkuntentah, almenu obbligah b'att pubbliku li jibqa' jagħtik tant kull jum għal għomrok, u ġiegħlu jagħmillek tajjeb b'ġidu kollu li jibqa' jagħtik sa' l-aħħar din ir-renta. Jaqbillek ma tħawwadx waħdek, u tieħu parir. Tista' anki, fil-każ li tirrinunzja, titlob somma ta' flus.

* * *

*Missieri kellu ftit raba' mqabbel għandu u dam jaħdmu xi tletin sena. Meta kiber u xjieħ morna għand is-sid u bil-kunsenes tiegħu dawwarnieh fuqi. Kull sena kont immur inħallas il-qbiela u lħaqt ħallast sa tlett snin. Meta għalqet ir-raba' sena u mort bħas-soltu biex inħallas il-qbiela sibt id-dar tas-sid mwaqqa' u minflokha telgħet lukanda u s-sid ma deher imkien. Staqsejt għalih iżda ħadd ma kien jaf xejn dwaru jew x'sar minnu. Issa ilni ma nħallas qbiela għal dawn l-aħħar disa' snin u s-sid qatt ma bagħat jgħidli xejn.*

*Tista' jekk jgħoġbok tgħidli x'għandi nagħmel u xi dritt għandi jiena għar-raba'.*

Skond il-liġi, is-sid, biex ikun jista' joħodlok il-fond mikri minħabba nuqqas ta' ħlas tal-kera, irid jitolbok il-kera *meta jagħlaq*, u inti ma tħallasx, imbagħad jerġa' jitolbulek meta jerġa' jagħlaq, u inti terġa' ma tħallasx. Issa inti għidt li s-sid, la taf min hu u anqas fejnu. Għalhekk anqas għandek il-mezz li tiddepożita l-kera l-Qorti. Fiċ-ċirkostanzi, tikkonfondi xejn. Jekk xi darba jitfaċċa s-sid, tih dak kollu li jkollok tagħtih. Jekk hu iħalli jgħaddu tletin sena u ma jkellmek qatt, jitlef id-dritt għall-għalqa.

# ... fil-qosor

## SEHEM ID-DELEGAZZJONI MALTIJA FL-"ISTANDING CONFERENCE" TAL-MINISTRI EWROPEJ TA' L-EDUKAZZJONI




**Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni Malti, tkellem fit-tul dwar it-tema numru sebgħa ta' l-Aġenda "European Education Cooperation"**

Id-delegazzjoni Maltija magħmula mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onor. Philip Muscat, Dr Paul Cassar u Patri Dionisius Mintoff, ħadet sehem attiv ħafna fl-"Istanding Conference of European Ministers of Education (l-għaxar Sessjoni)" li saret fi Strasbourg, mit-28 sat-30 ta' Ġunju, 1977.

It-tema prinċipali ta' din il-konferenza kienet "l-iskola fir-relazzjonijiet mal-komunità". (The School and its relations with the community). Id-delegazzjoni Maltija ħadet sehem fid-diskussjonijiet informali li saru dwar dan is-suġġett.

Suġġett ieħor diskuss matul din is-sessjoni kien dwar "Report on follow up to resolution No. 2 1975 fuq "Migrants Education".

Ir-riżoluzzjoni dwar it-tema "European Education Cooperation" li ħarġet minn din il-konferenza tal-Ministri ta' l-Edukazzjoni tinkorpora fiha r-riżoluzzjoni li pproponiet id-delegazzjoni Maltija fil-Working Group.

Fi tmiem il-konferenza, tliet "working groups" ippreżentaw żewġ riżoluzzjonijiet fuq "Migrants Education" u "European Educational Cooperation" u l-konklużjonijiet tat-tema prinċipali "The School and its Relations with the Community".

Il-ħdax-il sessjoni għandha ssir f'The Hague, l-Olanda fl-1979.

Hemmhekk se jiġu diskussi dawn is-suġġetti:—

1. L-edukazzjoni u l-egwalità ta' opportunitajiet għall-bniet u n-nisa (Education and equality of opportunity for girls and women).
2. Għoxrin sena ta' policy edukattiva fl-Ewropa (Twenty years of education al policy in Europe).

Is-Segretarjat ta' l-Istanding Conference ġie mitlub biex jipprepara rapport dwar il-progress ta' attivitajiet edukattivi tal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali u tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandha ssir preparazzjoni ta' konferenza "ad hoc" dwar is-"Soċjetà u l-Istudju tax-Xjenza Matematika u Teknoloġija" (Society and the Study of Science, Mathematics and Technology).

Il-Kumitat tas-Senior Officials ġew mitluba biex jagħtu attenzjoni speċjali għall-possibilità ta' aktar bdil ta' studenti bejn l-Istati Membri tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

## ID-DELEGAZZJONI EKONOMIKA TALJANA TILTAQA' MAL-MINISTRU TA' L-INDUSTRIJA, SAJD U BIEDJA



Id-delegazzjoni ekonomika Taljana mmexxija mis-Senatur Angelo Castelli ltaqgħet mal-Ministru ta' l-Industrija, Sajd u Biedja, l-Onor. Danny Cremona, fejn ġew diskussi proġetti li jikkonċernaw dan il-Ministeru u li jistgħu jiġu mgħejjuna mill-Gvern Taljan.

Matul il-laqgħa, il-Ministru Cremona kien assistit mis-Sur Maurice Abela, Segretarju fil-Ministeru tal-Commonwealth u Affarijiet Barranin, is-Sur Joe Sammut, Assistent Kap fl-Economic Section ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru is-Sur Oliver Vella, Aġent Segretarju fil-Ministeru ta' l-Industrija, Sajd u Biedja, is-Sur George Carbone, Uffiċjal Tekniku Anzjan, is-Sur Edwin Borg, Uffiċjal inkarigat mill-Korp 'Iżra' u Rabbi', is-Sur Gianfranco Magnani u s-Sur Salvu Borg, li huma nkarigati mill-proġett tat-trawlers tas-sajd, u s-Sur Tony Debono Segretarju Privat tal-Ministru.

## IL-MINISTRU CREMONA F'LAQGĦA MAL-KUNSILLIER MILL-MINISTERU TAL-KOPERAZZJONI EKONOMIKA TAL-ĠERMANJA TAL-PUNENT

Il-Kunsillier mill-Ministeru tal-Koperazzjoni Ekonomika tal-Ġermanja tal-Punent, Dr Bernauer, kellu laqgħa mal-Ministru ta' l-Industrija, Sajd u Biedja, l-Onor. Danny Cremona, li fiha ġiet diskussa l-għajnuna teknika li tista' tingħata lil Malta fis-setturi li jaqgħu taħt dan il-Ministeru.

Dr Bernauer, waqt din il-laqgħa, kien akkumpanjat minn Mr Peter Christian Haucke ta' l-Ambaxxata Ġermaniża f'Malta u mis-Sur Vincent Camilleri mill-Ministeru tal-Commonwealth u Affarijiet Barranin.



Il-Ministru Cremona kien assistit mis-Sur Oliver Vella, Aġent Segretarju fil-Ministeru, is-Sur Joe Cassar Pullicino, Direttur ta' l-Industrija; is-Sur George Carbone, Uffiċjal Tekniku Anzjan fil-Ministeru, u s-Sur Tony Debono, Segretarju Privat tal-Ministru.

## DELEGAZZJONI FRANĊIŻA TILTAQA' MAL-MINISTRU F. MICALLEF

Id-delegazzjoni Ekonomika Franċiża mmexxija minn M. Christian D'Aumale kellha laqgħa mal-Ministru ta' l-Industriji Parastatali u tal-Poplu, is-Sur Freddy Micallef.

Iż-żewġ naħat iddiskutew kif il-Gvern Franċiż jista' jgħin jiżviluppa aktar l-industriji tal-poplu billi jipprovdi assistenza teknika u jħajjar industrijalisti Franċiżi biex jidħlu f'joint ventures ma' dawn l-industriji.

In-naħa Franċiża offriet ukoll li tgħin biex issib is-swieq għall-fabbriki tal-poplu.

Min-naħa tal-Ministeru kien hemm preżenti is-Sur G. Borg Cardona, Kap fil-Ministeru, is-Sur F. E. Amato-Gauci u s-Sur E. A. Causon.

## LAQGĦA MAL-MINISTRU WISTIN ABELA



Il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet is-Sur Wistin Abela, dan l-aħħar kellu laqgħa ma' Dott. V. Insinna, Direttur ta' l-Azienda di Stato per i Servizzi Telefonici u ma' membri oħra tad-delegazzjoni Taljana li ġiet Malta biex ma' rappreżentanti tal-Ministeru u tat-Telemalta jiġu eżaminati s-setturi tat-telekomunikazzjonijiet li jistgħu jaqgħu taħt ftehim ġdid dwar koperazzjoni bejn iż-żewġ Gvernijiet.

Saru diversi laqgħat u ġie miftiehem li wara li jsiru ċerti studji miż-żewġ naħat, isiru laqgħat oħra bil-għan li l-ftehim bejn il-Ministru Wistin Abela u l-Onor. V. Colombo, l-Ministru Taljan tal-Posta u Telekomunikazzjoni jiġi iffirmat fl-iqsar żmien possibbli.

## GĦOTJA TA' 20 "TRACTOR"

Waqt ċerimonja qasira li saret dan l-aħħar fil-Qasam Sperimentali tal-Għammieri, l-Ambaxxatur tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ippreżenta 20 "tractor" mgħammra bil-mutur tal-ħart lill-Ministru tal-Biedja s-Sur Danny Cremona. B'kollox dawn it-"tractors" jiswew madwar £M50,000.

Fid-diskors qasir li għamel, l-Ambaxxatur Bak Zun Guk wera t-tama li r-relazzjonijiet tajbin bejn Malta u pajjiżu jkomplu jissaħħu u jespandu fl-interess taż-żewġ popli. Hu qal li pajjiżu jammira l-għieda tal-Gvern Malti biex Malta ssir aktar ekonomikament indipendenti u għal dan il-għan jagħti l-appoġġ sħiħ tiegħu lil Malta.

Wara l-Ambaxxatur Korean u l-Ministru Cremona ffirmaw id-dokument tal-għoti tat-"tractors".

Fid-diskors qasir li għamel il-Ministru Cremona spjega x'wassal biex issir din l-għotja. Hu qal li waqt żjara fil-Korea fl-1975, il-Prim Ministru l-Perit Dom Mintoff kien ġie mwiegħed l-

għotja tat-"tractors" bħala rigal u turija ta' ħbiberija mal-Gvern u l-poplu Malti.

L-Ambaxxatur ingħata ittra ta' radd il-ħajr biex titwassal lill-President Korean Kim Il Sung.

## JASAL MALTA L-IMPJANT GĦAT-TĦAFFIR GĦALL-ILMA



**L-Impjant għat-tħaffir għall-ilma li ġie mogħti lil Malta mill-poplu tal-Kuwait.**

Bħal ma ġie mwiegħed mill-Gvern u l-poplu tal-Kuwait permezz ta' Charge d'Affairs f'Malta, l-Eċċellenza Tiegħu Mohammed Khalid Al Roumi lill-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport is-Sur Lorry Sant, impjant għat-tħaffir għall-ilma wasal Malta nhar il-Ġimgħa 22 ta' Lulju.

L-impjant, huwa wieħed soffistikat u ġie mogħti b'xejn lill-Gvern u l-poplu ta' Malta mill-Gvern u l-poplu tal-Kuwait.

L-użu ta' dan l-impjant huwa biex jitħaffru spieri għall-ilma biex ikompli jiġi mwettaq il-programm tal-Gvern f'dan ir-rigward.

Din il-ħidma turi l-isforzi tal-Gvern Malti biex iżid il-produzzjoni ta' l-ilma li minn jum għall-ieħor id-domanda għalih qiegħda dejjem tiżdied sa ma l-lum id-domanda f'Malta biss diġà skorriet l-14-il miljun gallun ilma kuljum. Fil-waqt li l-Gvern qed jagħmel minn kollox biex iżid il-produzzjoni huwa fl-interess tal-poplu li ma jaħlix ilma.

Ma l-għoti ta' l-impjant il-Gvern tal-Kuwait se jħallas ukoll għal perijodu ta' xahar il-miġja f'Malta ta' tekniku mid-ditta Amerikana George E. Failing Co. li minn għandha ġie mixtri l-impjant. Dan it-tekniku ġej biex ikun jista' jgħallem lill-ħaddiema Maltin iħaddmu l-impjant.

Il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport li huwa responsabbli wkoll għad-Dipartiment ta' l-Ilma u għalhekk għat-tħaffir b'dan l-impjant il-ġdid, pubblikament jirringrazzja għan-nom tal-Gvern u l-poplu Malti u l-Gvern u l-poplu tal-Kuwait u r-Rappreżentant tagħhom f'pajjiżna l-Eċċellenza Tiegħu Mohammed Khalid Al Roumi għal din l-għotja ġeneruża li għoġobhom jagħmlu lill-Gvern u l-poplu tagħna.

# XTUT INDAF

**Il-ħtieġa li wieħed iżomm il-baħar tagħna u x-xtut tagħna nodfa hija kbira jekk irridu nkabbru t-TURIŻMU f'Malta u Għawdex. Kif jaf kulħadd, il-Gvern, permezz tal-Ministeru tat-Turiżmu qed jagħmel minn kollox biex dan is-suq jikber u d-dħul ta' flus minn dan is-settur jiżdied.**

**Sadanittant, permezz tal-ħaddiema tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sports, il-Gvern jara li jżomm ix-xtut indaf matul is-sena kollha; għax minn hekk jiddependi kemm ikollok ir-ramliet kbar u sbieħ. L-alka li titneħħa fix-xitwa sservi mhux biss biex ix-xtajtiet jidhru nodfa, imma sservi wkoll biex ir-ramel ikun jista' jersaq lejn l-art u allura l-bajja tiżviluppa aktar.**

**Għall-kumdita tal-pubbliku l-Ministeru msemmi poġġa wkoll fuq ix-xtut għadd kbir ta' reċipjenti li fihom wieħed jista' jitfa' l-iskart li jkollu.**

**Huwa pprojbit li wieħed iħammeġ ix-xtajtiet billi jaħraq injam u materjal ieħor, speċjalment meta wieħed jaħraq fir-reċipjenti (tankijiet) stess u b'hekk jagħmlilhom ħafna ħsara. Huwa pprojbit ukoll li wieħed iġorr ġebel kbir u żgħir għal fuq ix-xtajtiet peress li dan ikun ta' detriment kbir għas-'sandsifter' kif ukoll għall-ħaddiema li jkunu qegħdin inaddfu x-xtut.**



# IL-YOGA GĦAS-SAĦĦA

Il-Yoga hija sistema ta' eżerċizzju għall-ġisem u għall-moħħ. Il-benefiċċji tagħha huma kważi immedjati għal-promozzjoni tas-saħħa, kontroll ta' ħxuna żejda, sbuħija kif ukoll mistrieħ tal-moħħ. Eluf ta' nies joħolmu b'ħajja ġdida, bir-ritorn għat-tieni żgħożija, biex ikollhom ġisem sabiħ u b'saħħtu mimli vitalità. Ħafna oħrajn jixtiequ li jkollhom moħħom kwiet, u li jkunu jifilħu għas-strapazz li l-ħajja moderna timponi fuqhom.

Għal ħafna nies il-kelma "yoga" hija xi ftit stramba u għalhekk ma jagħtux każ ta' x'hiex tista' toffri. Veru li l-kelma "yoga" ġejja mill-Indja, iżda l-użu tagħha huwa universali. Il-yoga hija rigal imprezzabbli li tawulna n-nies ta' l-Orjent u l-benefiċċji li tista' takkwista mill-yoga huma għal dawk kollha li lesti jaċċettawhom.

Naħseb li kulħadd għandu xi ħjiel ta' l-eżerċizzji li wieħed għandu jagħmel mhux biss biex jikkontrolla l-ħxuna żejda, iżda biex ma jħossux mitluq, għejjien u biex ikollu poża sabiħa. Ġie li tisma' ħafna nisa u rġiel li jgħidulek l m'għandhom għalfejn jagħmlu l-eżerċizzji fiżikali għax m'humiex ħoxnin. L-eżerċizzji mhux qiegħdin għal ħoxnin biss. Qiegħdin għal kulħadd. Għażżgħar, u għall-kbar, għax-xjuħ u anke għan-nisa li qed jistennew tarbija.

Issa l-yoga hija sistema ta' eżerċizzji li l-movimenti m'humiex magħġġlin. Għal kuntrarju, dawn il-movimenti, li huma ħafna addattati għasżmien tas-sajf, huma magħmula bis-"slow motion". Għoxrin minuta minn dawn l-eżerċizzji jiswew daqs siegħa eżerċizzji komuni. Movimenti mgħaġġla m'għandhom valur ta' xejn fil-yoga, għax għal min qed jitgħallem dan ta' l-aħħar, m'hux interessat fit-taħbit tal-qalb, tal-polz u lanqas li joħroġ minnu ħafna għaraq. Il-Yoga qiegħda mhux biex taħlilek l-enerġija u tgħajjilek qalbek, iżda biex tneħħilek l-għejja minn ġismek u t-tensjoni minn moħħok. Hemm raġuni oħra mportanti il-għala fil-Yoga il-movimenti huma magħmula b'pass bil-mod, u din hija minħabba li l-Yoga tistimula u tgħin fil-funzjoni ta' l-organi nterni u l-glandoli. Mela żommu f'moħħkom li l-eżerċizzji fil-Yoga għandkom tagħmluhom bis-"slow motion". B'hekk tidraw iżżommu kontroll f'ġisimkhom u f'moħħkom meta kollox madwarkhom huwa miexi b'pass mgħaġġel. Il-moħħ jaħseb dejjem fuq affarijiet li jara madwaru, jew inkella fuq affarijiet li jixtieq. Jekk int taħseb li inti nervuża, bla grazzja u bla sbuħija ibdel dawn il-ħsibijiet tiegħek f'oħrajn ta' grazzja, sbuħija, armonija, bilanċ u paċi. Il-moħħ jirrispondi għal dawn il-ħsibijiet u tindunaw li l-ġisem jidra jikkontrolla lilu nnifsu.

Mingħajr ma tridu, il-ħsibijiet sbieħ u kalmi tagħkom jirriflettu fuq wiċċkom. Xi ħadd minn ta' madwarkom żgur li jinduna b'din il-bidla. Fejn qabel kontu tkunu forsi xi ftit jew wisq tħobbu tagħmlu l-istorbju, jew taqbdu xi argument malajr, issa għal kuntrarju tieħdu kollox b'ċertu kalma, iżda b'determinazzjoni qawwija. Il-karattru jsir dinamiku u tagħmlu ħafna ħbieb, mingħpajr ma tafu, il għaliex dawn jinnotaw il-karattru sabiħ tagħkom.

Il-Yoga hija tip ta' ħajja u min jistudjaha jinduna li aktar ma jgħaddi ż-żmien, l-inklinazzjoni tagħhom tibda xxaqleb lejn dak biss li huwa naturali. Din l-ideja iġġiegħlhom jibdlu s-sistema ta' l-ikel tagħhom minn waħda kollha żjut, xaħam u ħelu, li ma jagħmlu xejn ħlief iħaxxnu, iraqqdu u jġegħluk tiekol aktar, għal waħda mimlija vitamini u protejini li tagħtihom is-saħħa u ttawwalhom il-ħajja.

L-aktar ħaġa importanti hija li tgħinu lil sħabkom isibu kuntentizza bħalkom billi tgħidulhom bl-eżerċizzji u t-tip ta' l-ikel li qed tintroduċu fid-dieta tagħkom. Timponulhomx l-ideja f'daqqa waħda, iżda gradatament. Min jgħaddikom biż-żuffjett, tieħdux għalihom, għax minn warajkhom ikunu qed jammirawkom.

Mela ma ninsewx li biex ikollna ħajja kuntenta u ma nħallux lil ta' madwarna jiddominawlna ħajjitna bil-ħsibiijet pessimisti tagħhom, għandna nżommu lilna nfusna dejjem ħfief billi nipprattikaw il-Yoga, kemm bl-eżerċizzji, kif ukoll bid-dieta ta' ikel naturali.

# 1–15 ta' Lulju, 1977

# IL-XXI FIERA INTERNAZZJONALI TA' MALTA

**Din is-sena, il-Fiera fin-Naxxar kienet suċċess kbir ieħor. In-numru rekord ta' parteċipanti barranin kien jinkludi: l-Alġerija, l-Awstrija, l-Brażil, il-Belġju, iċ-Ċekoslovakkja, id-Danimarka, Franza, l-Ġermanja, l-Gran Brittanja, l-Irlanda, l-Italja, l-Ġappun, il-Gamahirija Għarbija Libjana, Lussemburgu, l-Malasja, l-Olanda, Swaziland, it-Tuneżija, l-Jugoslavja, Żambja u l-Kummissjoni Ekonomika Ewropea.**

**Għaċ-Ċerimonja tal-Ftuħ Uffiċjali tal-Fiera, li saret il-Ġimgħa, l-1 ta' Lulju, attendew għaliha għadd ta' persuni distinti, ewlieni fosthom l-President tar-Repubblika, Dr Anton Buttigieg.**

**Wara indirizz mill-President tal-Korporazzjoni tal-Fiera, is-Sur Mario Pullicino, il-XXI Fiera Internazzjonali ta' Malta infetħet uffiċjalment b'diskors mill-Onor. Patrick Holland, Ministru tal-Kummerċ; li hawnhekk qegħdin nippubblikaw siltiet minnu.**



**Il-XXI Fiera Internazzjonali ta' Malta infetħet uffiċjalment b'diskors mill-Onor. Patrick Holland, Ministru tal-Kummerċ.**

"Huwa pjaċir kbir għalija bħala Ministru responsabbli għall-Kummerċ li nidher f'isem il-Gvern f'din l-okkażżjoni tal-ftuħ tal-wieħed-u-għoxrin Fiera Internazzjonali ta' Malta.

Nixtieq, l-ewwelnett, ningħaqad mal-President tal-Fiera Internazzjonali ta' Malta billi nagħti merħba lir-rappreżentanti tal-pajjiżi barranin u tal-għaqdiet internazzjonali li bis-sehem tagħhom din is-sena il-Fiera tkompli tgħolli l-livell internazzjonali tagħha għall-ġid ta' Malta u tal-esibituri kollha lokali u barranin.

Il-Gvern jaf kemm hija mportanti din il-Fiera biex tgħin u tkabbar il-kummerċ barrani ta' Malta u biex isservi bħala vetrina għall-prodotti lokali.

Inħossni grat b'mod speċjali għall-għajnuna li r-rappreżentanti tal-Korporazzjoni flimkien ma' dawk ta' għaqdiet oħra tal-Kummerċ u Industrija qegħdin jagħtu lill-Ministeru tiegħi biex jorganizza s-sehem ta' Malta f'Fieri Kummerċjali Barranin. Nixtieq nieħu din l-okkażżjoni biex niżgura lill-Korporazzjoni u lil kulħadd, li l-Gvern mhux biss iħares b'sodisfazzjon lejn dak kollu li jsir biex itejjeb l-effetti u s-siwi tal-Fiera, imma huwa dejjem ifittex triqat u mezzi biex jintlaħaq l-iskop akbar tal-Iżvilupp Kummerċjali u Industrijali għax l-għan aħħari huwa l-vijabilità ekonomika ġenerali ta' Malta.

Fil-mixja soda lejn il-mira ta' vijabilità ekonomika sa Marzu, 1979, il-Gvern ħadem bis-sħiħ biex inissel sens ġdid ta' responsabilità u għaqda fost il-poplu f'kull qasam tas-soċjetà u biex jiġbed l-għajnuna tal-industrijalisti lokali li tassew jixtiequ jaraw li Malta tilħaq il-progress ekonomiku u qagħda verament indipendenti.

Fl-1976 il-prodott domestiku totali huwa stmat li żdied b'23.6 fil-mija kontra ż-żieda ippjanata ta' 6 fil-mija. Din iż-żieda fil-produzzjoni totali kienet dovuta mhux biss għal aktar impjiegi, imma wkoll għaż-żieda fis-sehem ta' kull ħaddiem, effiċjenza akbar fix-xogħol u użu akbar ta' impjanti eżistenti. Is-setturi tal-manifattura u t-tarznar żiedu s-sehem tagħhom fil-valur tal-produzzjoni bi kważi 34 fil-mija u l-industriji tal-biedja u s-sajd bi tnax fil-mija.

Matul l-1976 il-kumpaniji li ngħataw għajnuna mill-Gvern irreġistraw żieda netta fl-impjiegi ta' 2,387, u b'hekk laħqu l-impieg totali ta' 18,469. L-esportazzjoni tagħhom żdiedet b'53% fuq l-1975 għal total ta' £M69.9 miljun u l-bejgħ lokali tagħhom tela' b'25 fil-mija fuq l-1975 għal total ta' £M15.4 miljun.



Minn mindu beda l-pjan korrenti ta' seba' snin, 108 proġetti ġew approvati, li diġà kienu jimpjegaw fuq 7,000 ħaddiem sal-31 ta' Marzu, 1977 b'6,000 impiegi oħra mistennija jiġu maħluqa matul il-ftit snin li ġejjin minn dawn il-proġetti approvati u minn dawk li sa jaqbdu jaħdmu din is-sena.

Matul l-aħħar ftit xhur kampanja ta' promozzjoni intensiva ġiet mibdija biex tiġbed iżjed industriji sabiex jintlaħqu l-għanijet ġodda mfassla għas-settur tal-manifattura.

Ix-xejra minn dipendenza fuq servizzi li ma jinbiegħux fis-swieq, lejn pajjiż modern bi produzzjoni industrijali tikkaratterizza l-progress bla waqfien fid-diversifikazzjoni tal-ekonomija tagħna. Fil-fatt is-suċċess tal-għotja ta' servizzi minn Malta lill-industrija ta' tfittix taż-żejt, juri li hemm lok kbir ħafna biex jiġu mwaqqfa attivitajiet oħra ta' din ix-xorta biex Malta tiġi stabbilita bħala wieħed mill-aqwa ċentri ta' servizzi fil-Mediterran. B'dan l-iskop quddiemu u bi sforz biex jiġbed lejn Malta iżjed merkanzija minn pajjiżi mbegħdin għal trasbord f'pajjiżi tal-Mediterran u oħrajn fil-Lvant Nofsani, il-Gvern se jipprovdi faċilitajiet ta' port modern f'Marsaxlokk. F'dan ir-rigward żewġ delegazzjonijiet Ministerjali mmexxija minni kmieni din is-sena fetħu opportunitajiet ġodda fl-Amerika Latina imbegħda li diġà bdew jagħtu riżultati pożittivi.

Il-miżuri siewja meħuda mill-Gvern bla telf ta' żmien biex irażżan il-pressjonijiet inflazzjonarji kemm domestiċi kif ukoll baranin, irnexxilhom jeħilsuna minn tfixkil u ħsarat kbar bħal dawk li ħarrbtu l-ekonomija ta' pajjiżi iktar għonja minn Malta.

Il-mod li bih l-industrija tat-turiżmu qegħda tissoda fil-pożizzjoni tagħna. minkejja kompetizzjoni intensa minn postijiet oħra turistiċi fil-Mediterran, huwa sinjal tajjeb ieħor tal-progress ekonomiku ta' Malta.

Imma l-vjabilità ta' Malta bħal dik ta' kull pajjiż ieħor tiddependi ħafna fuq il-kummerċ u l-pagamenti barranin. Huwa veru li l-għoli bla waqfien tal-inflazzjoni barra minn Malta, seta' jgħin biex titwessa d-differenza bejn il-valur tal-importazzjoni u l-esportazzjoni tagħna minħabba ż-żidiet fil-prezzijiet barranin. B'dana kollu l-ekonomija ta' Malta wriet reżistenza għal dawn l-ostakoli u l-pożizzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti hija aktar soda milli kien mistenni. Iż-żieda fl-esportazzjoni, iż-żieda ta' dħul mit-turiżmu u ż-żieda qawwija fid-dħul minn investimenti Maltin f'pajjiżi oħra kollha għenu biex ikun hemm eċċess favorevoli dejjem akbar fil-kont kurrenti tal-Bilanċ tal-Pagamenti. Bħala riżultat ir-riservi totali barranin żdiedu sewwa minn £M228.7 miljun fl-1975 għal £M286.6 fl-1976.

Il-fatturi kollha li semmejt, isaħħu t-tama soda tagħna, li permezz tal-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha li għandna disponibbli, flimkien ma' l-għajnuna u l-kooperazzjoni tal-ħbieb tagħna fil-Mediterran li jriduna nilħqu stat ġdid fl-1979, inkunu nistgħu niżguraw tkabbir fl-attività ekonomika Maltija li jkun biżżejjed biex naqilgħu dħul ieħor li jpatti għat-telf ta' riżorsi li jirriżulta mit-tluq tal-forzi militari Ingliżi.

Fil-kamp iktar wiesgħa internazzjonali, il-Gvern ta' Malta huwa żgur li l-passi li bħalissa qegħdin jittieħdu biex pajjiżna jitwaqqaf bħala nazzjon verament newtrali u indipendenti u bħala ċentru għat-tifrix ta' attivitajiet internazzjonali għat-tixrid tal-paċi u l-progress ekonomiku fost il-pajjiżi tal-Mediterran, iwasslu għall-frott mistenni.

Bil-kooperazzjoni ta' ħbiebna speċjalment il-Libjani, l-Alġerini, il-Franċiżi u t-Taljani, Malta tispera li għad tixgħel torċa ta' għaqda u ħbiberija fil-Mediterran li sservi bħala mudell għal gruppi reġjonali oħra biex jadottawh u jimxu fuqu għall-ġid ta' l-umanità.

Permezz ta' l-inizjattiva bla waqfien tal-Prim Ministru tagħna, Malta mhux biss qegħda tirsisti għall-ħolqien mill-ġdid tax-Xtajta tal-Mediterran, li darba kienet il-benniena taċ-ċiviltà, bħala ċentru għall-progress fil-paċi, imma hija determinata wkoll li taħdem bis-sħiħ u iżjed u iżjed għat-twettiq ta' dan il-għan".

# SPORTS

# WATERPOLO GHAT-TFAJLIET



Il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant waqt iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-kampjonat.

Nhar il-Ħadd 24 ta' Lulju, fil-Pitch ta' Birżebbuġa beda l-ewwel kampjonat tal-Waterpolo tat-tfajliet. Dan il-kampjonat huwa organizzat mill-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport.

Ta min ifakkar li l-istess Ministeru kien li beda fuq skala nazzjonali, sports oħrajn bħal ma huwa l-football, table-tennis, netball u boċċi.

Dan minbarra li bl-inizjattiva tal-Ministru, s-Sur Lorry Sant, dan l-aħħar stajna naraw fostna team tal-polo Taljan jilgħab kontra team Malti; u ż-żjara tal-ġinnasti mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li kienet suċċess kbir.

Kif semmejna, il-Ħadd 24 ta' Lulju beda l-Waterpolo tat-tfajliet, fejn, quddiem pubbliku numeruż, intlagħbu l-ewwel żewġ logħbiet wara li saret ċerimonja ta' inawgurazzjoni.

Din kienet l-ewwel kompetizzjoni ta' din ix-xorta li ġiet organizzata f'Malta. L-ewwel fil-programm kien hemm marċ mill-Grupp ta' li Scouts tal-Ħamrun.

Wara diskors mill-Ministru is-Sur Lorry Sant sar il-ftuħ uffiċjali ta' dan il-kampjonat li fih qed jieħdu sehem ħames teamijiet — San Ġiljan, Valletta, Sliema, Sirens u Birżebbuġa.

L-ewwel partita dik bejn San Ġiljan u Valletta ntemmet b'rebħa għall-Ġiljaniżi. Il-Kompetizzjoni qed tkun f'forma ta' League (b'round wieħed) u tintlagħab dejjem fil-Ħdud. Ir-regolamenti huma l-istess bħal ta' l-irġiel bid-differenza li d-daqs tal-pitch għal-logħbiet qed ikun ta' madwar 20 metru bi 15-il metru u kull logħba tkun ta' erba' sessjonijiet ta' tlett minuti kull sessjoni.

# AKTAR SIĠAR TAL-FROTT

Il-kampanja ta' taħwil ta' aktar siġar tal-frott li biha miexi d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura hija mfassla biex nipproduċu aktar filwaqt li nnaqqsu l-importazzjoni tal-frott.

Iżda biex naraw dan ix-xogħol kif qed isir inżuru l-Mixtla Ewlenija tal-Gvern f'Wied Incita Ħ'Attard fejn jitnisslu l-aktar għadd ta' Siġar.

Is-siġar tal-frott jistgħu jitnisslu ġeneralment b'dawn il-metodi li ser insemmu. Fix-xitwa wieħed jista' jieħu 'cuttings' jew biċċiet ta' siġar bħal ma huma, tin, rummien, u ċawsli. Il-biċċa tkun twila madwar 9 pulzieri jew daqs l-imqass taż-żabra. Il-biċċiet jiddeffsu fil-ħamrija jew fil-qasrija skond il-ħammiela jew fil-qasrija skond il-bżonn li jkollna u wieħed jieħu ħsieb li dawn il-biċċiet jinżammu niedja. Fi żmien sena dawn il-biċċiet irabbu l-għeruq u għalhekk wieħed jista' jaqlagħhom biex iħawwilhom banda oħra. Il-qlugħ ta' dawn il-biċċiet mqabbda jsir fix-xitwa.

Is-siġar tal-frott irqieq bħal ma huwa ħawħ, għajnbaqar, berquq u lanġas jitnisslu billi nlaqqmu dawn il-varjetajiet ta' frott fuq oħrajn selvaġġi iżda ta' l-istess razza. Ngħidu aħna l-ħawħ u l-għajnbaqar jitlaqqmu fuq il-lewż morr filwaqt li l-lanġas u t-tuffieħ jitlaqqam fuq l-isfejġel.

Rigward il-lewż morr dan jinżara' fi dħul ix-xitwa f'raded biex wara sena jitlaqqam.

Issa dwar it-tilqim, inlaqqmu bil-brokk fix-xitwa u bil-qoxra fir-rebbiegħa u fi tmiem is-sajf.

Fix-xitwa t-tilqim bil-brokk isir hekk. L-ewwel tinqata' l-lewża u l-qata' titnaddaf bil-mus.

Iz-zokk tal-lewża l-ġardinar joforqu biex tirċievi t-tilqima. It-tilqima li tkun inqatgħet minn ħawħa tajba l-ġardinar jirranġaha f'forma ta' feles. Din it-tilqima tidħol fil-lewża li nkunu froqna u bil-plastic iswed jew bit-tafal jew bix-xema' tat-tilqim, ngħattu l-ġerħa.

Metodu ieħor ta' tnissil ta' siġar tal-frott huwa t-tilqim bil-qoxra li jsir bejn April u Ġunju u bejn Settembru u Ottubru dejjem skond it-temp.

Dan it-tilqim jikkonsisti filli ssir qata żgħira f'forma ta' l-ittra T rasha l-isfel fiz-zokk tas-siġra selvaġġa u f'din il-qasma taħt il-qoxra titqiegħed l-għajn tas-siġra li rridu. L-għajn tikkonsisti f'dik il-parti tal-qoxra li tinstab bejn zokk u werqa. It-tilqima tintrabat sewwa u meta t-tilqima tieħu naraw li mit-tilqima toħroġ rimja ċkejkna li bil-mod tikber f'siġra. B'dan il-mod siġar selvaġġi tal-larinġ tal-Bakkaljaw jinbidlu f'siġar tal-larinġ jew mandolin filwaqt li siġar tal-lewż morr jitlaqqmu f'ħawħ, għajnbaqar, jew cherryplum.

Metodu ieħor ta' tnissil ta' siġar tal-frott huwa ż-żriegħ. Żriegħ ta' żerriegħa biex imbagħad jitlaqqmu; jew żriegħ ta' żerriegħa biex jagħtuna siġar li m'hemmx għalfejn inlaqqmuhom. Iż-żriegħ għat-tilqim jikkonsisti kif għedna fi żriegħ, ngħidu aħna, ta' żerriegħa tal-lewż morr biex imbagħad jitlaqqam fi frott kif għidna diġà. Iżda wieħed jista' ngħidu aħna, jiżra' ż-żerriegħa tan-naspli li jkun ħa minnu frott tajjeb. Ġeneralment ftit huma s-siġar, hekk imnissla, li ma joħorġux tajbin bħal ommhom. L-istess nistgħu ngħidu għal lewż ħelu għalkemm ta' min itenni jgħid li meta wieħed juża t-tilqim bħala l-metodu tat-tnissil dan ikun ċertissimu mill-varjetà ta' frott li ser ikollu.

L-għan tat-tnissil tas-siġar tal-frott huwa naturalment li nkattru aktar siġar biex b'hekk ikollna aktar frott. Aktar frott Malti jfisser aktar frott frisk u bnin u aktar flus jibqgħu fi bwietna milli fi bwiet il-barrani.

Barra minn dan it-tkabbir ta' frott qegħdin naħdmu biex l-istaġun tal-frott intawluh, sew, biex nevitaw il-ħela u rimi ta' frott u, sew biex ingawdu iżjed fit-tul il-palat ta' frott bnin.

Hekk ngħidu aħna l-biċċa l-kbira tal-ħawħ li qegħdin inlaqqmu kull sena, qed ikun ta' ħawħ bikri li jibqa' f'Mejju meta jġib prezz tajjeb u meta jkun wisq mixtieq. Qed inkattru wkoll l-ħawħ imwaħħar jiġifieri dik il-varjetà ta' ħawħ li bi ftit iżjed xogħol ta' kura bil-kimika addattata jkollna ħawħ sa Settembru. B'dan il-mod niżguraw li ma jkollniex dik il-kwantità ta' ħawħ minn Mejju sa Settembru permezz ta' varjetajiet imlaqqma apposta. Inħarsu wkoll mhux biss lejn iż-żmien meta xitla tagħmel il-frott tagħha iżda wkoll lejn il-kwantità tal-frott li nixtiequ. Ta' kull sena dawn is-siġar tal-frott imlaqqma jinbiegħu bi prezz issussidjat lil bdiewa u lid-dilettanti sew f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Il-Kitba għas-siġar issir normalment f'Ottubru filwaqt li l-qlugħ tas-siġar isir f'Diċembru. Hekk, ix-xitwa li għaddiet tqassmu 'l fuq minn tlettax-il elef siġra tal-frott barra minn madwar sebat elef siġra oħra li tħawlu f'artijiet maħduma minn membri ta' "Iżra' u Rabbi".

Dan li rajna huwa xi ftit mix-xogħol siewi li l-mixtliet tal-frott tad-Dipartiment qed jagħmlu f'Malta u sew f'Għawdex, biex Malta trodd aktar siġar tal-frott.

**Mixtla tal-Dwieli**
**fil-Qasam tal-Gvern,**
**f'Għawdex.**



# KULTURA........

## PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB LILL-ONOR. AGATHA BARBARA, MINISTRU TAX-XOGĦOL, GĦAJNUNA SOĊJALI U KULTURA



Dr George Zammit Maempel M.D., F.G.S. dan l-aħħar ippreżenta kopja tal-ktieb tiegħu dwar il-ġejoloġija ta' Malta "An Outline of Maltese Geology" lill-Ministru l-Onor. Agatha Barbara fl-uffiċċju tagħha l-Belt.

Il-Ministru kitbet id-daħla tal-ktieb hi stess, fejn hi fehmet u apprezzat il-bżonn ta' publikazzjoni bħal din għal kulħadd.

Dr Zammit Maempel, li huwa wkoll assistent kuratur fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Istorja Naturali ta' Malta, qal illi l-ktieb tiegħu hu intenzjonat primarjament għal dawk li jmorru jżuru s-Sala tal-Ġejoloġija fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Istorja fl-Imdina, u għall-istudenti ta' l-iskejjel sekondarji li jixtiequ jiksbu tagħrif ġenerali dwar il-ġejoloġija lokali.

* * *

## ATTIVITAJIET KULTURALI

Wara sensiela ta' attivitajiet kulturali f'diversi bliet u rħula il-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura qed ikompli jorganizza programmi kulturali oħra fil-beraħ matul ix-xhur tas-sajf.

Dawn il-programmi li huma bażati fuq il-wirt storiku u folkloristiku tal-post fejn ikunu qed jiġu ppreżentati qed jintlaqgħu tajjeb. Mill-attendenza numeruża għaż-żewġ programmi li diġà saru f'din is-sensiela — fis-Siġġiewi u San Ġiljan — jidher li, kuntrarju għal dak li jaħsbu xi wħud, il-Pubbliku Malti jaf japprezza daqs ħaddieħor espressjonijiet kulturali, b'mod speċjali dawk li huma tiegħu.

F'dawn il-lejliet kulturali ta' daqq, kant, żfin u letteratura qed jieħdu sehem diversi gruppi u ndividwali li offrew il-ħin ħieles u t-talent tagħhom sabiex dawn il-programmi jirnexxu.

Il-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura jiżżi ħajr pubblikament lil dawn in-nies li qed jgħinu bis-sħiħ biex tkompli titkattar il-kultura f'pajjiżna. Fost dawn ta' min isemmi lil Josephine Zammit Cordina, Marija Camilleri, Charles Abela Mizzi, Charles Coleiro, Frank Ghio, il-kor Y.T.C., il-grupp ta' mima u żfin Żefat, Żeffiena Folk-Żejtun, l-għannej Fredu Abela u l-kantanti Mary Rose Mallia, Carmen Vella u MaryAnn u Vanni Pule, u l-Greenfields, kif ukoll lil Joe Tanti li jieħu ħsieb l-effetti taddawl u l-produzzjoni.

* * *

## STUDENTI TA' L-GĦARBI IŻURU L-LIBJA

Delegazzjoni kbira ta' żgħażagħ dan l-aħħar marru Tripli il-belt kapitali tal-Gamahirija Libjana. Id-delegazzjoni kienet komposta minn studenti, tfal, xebbiet u ġuvintur li matul is-sena li għaddiet kienu jattendu kors fl-ilsien Għarbi fl-iskola "Dar Libjana Maltija" ta' l-Istitut Kulturali Għarbi Libjan.

B'kollox kien hemm 80 persuna li marru fuq din iż-żjara edukattiva. Huma qagħdu fil-kulleġġ fil-kampanja Għaraan Azziraghi, 9 kilometri bogħod minn Tripli.

Matul iż-żjara tagħhom huma ittieħdu jżuru diversi postijiet ta' interess storiku u kulturali kif ukoll attendew għall-ftuħ tal-fergħa tad-Dar Libjana/Maltija fi Tripli.

Matul iż-żjara tagħhom li damet ġimgħa, huma irċevew ukoll iċ-ċertifikati ta' l-ilsien Għarbi.

L-arranġamenti kollha għal din iż-żjara saru permezz ta' l-Istitut Kulturali Għarbi Libjan speċjalment id-Direttur Taher El Għarabi u l-Librar Taher Gosaibat.

## KORSIJIET TAS-SAJF TA' L-ISKOLA TAL-MUŻIKA

L-Iskola tal-Mużika — Johann Strauss għada kemm organizzat it-Tielet Kors tas-Sajf mill-4 sad-29 ta' Lulju. Dan il-kors tas-Sajf offra opportunità lil dawk li ma jistgħux jattendu l-iskola s-sena kollha biex jieħdu kors intensiv — sew jekk idoqqu jew jisimgħu — f'diversi suġġetti.

Il-korsijiet ta' din is-sena kienu daqq ta' orkestra, Mużika da Camera (Injam u Kordi), Kumpless tar-Ramm, Kwartett tal-Korda (smiegħ biss), il-Fagott u kif isiru l-qasab tiegħu, kif isiru l-qasab ta' l-Oboe, Introduzzjoni għall-Kitarra Klassika, Workshop tal-Batterija, Simboli tal-Kordi, Kif tisma' l-Mużika. Fi tmiem kull kors rispettiv jingħataw Kunċert Orkestrali u diversi Kunċerti ta' Mużika da Camera.

* * *

## PREŻENTAZZJONI TA' ĊERTIFIKATI MILL-MINISTRU TA' L-EDUKAZZJONI



Fiċ-Ċentru Kulturali, il-Furjana, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onor. Philip Muscat, dan l-aħħar ippreżenta madwar sittin ċertifikat lill-għalliema u "instructresses" li attendew għall-korsijiet 'in-service'.

Dawn l-għalliema u "instructresses" attendew għal wieħed jew aktar minn dawn l-'in-service courses': "It-tagħlim tal-Home Economics u x-Xjenza" (Combined Studies of Home Economics and Science), Rakkmu permezz tal-makna tal-ħjata (Creative Machine Embroidery) u "Tie-Dye and Batick-Resist Process of Dying" (żewġ proċessi li permezz tagħhom isiru d-disinji fuq id-drapp).

F'diskors li għamel wara l-preżentazzjoni taċ-ċertifikati, il-Ministru rringrazzja lil dawk kollha li ħadu sehem f'dawn il-korsijiet. Huwa qal li kien ta' pjaċir għalih li kien hemm daqshekk nteress f'dawn il-korsijiet tant li biex jinħtlaqgħu t-talbiet kollha ta' l-għalliema se jerġgħu jsiru l-korsijiet.

Il-Ministru kompla jgħid li hija xewqa tiegħu li jiltaqa' kemm jista' jkun ma l-għalliema ħalli jsir jafhom aħjar. Dwar il-korsijiet huwa qal li dawn iservu ħafna biex l-għalliema jżommu ruħhom aġġornati mat-tagħlim tal-lum. Huwa interessanti wkoll l-ideja ta' żwieġ bejn is-suġġett, per eżempju l-kors tax-Xjenza u Home economics. Dan għaliex il-problema tal-lum fl-edukazzjoni hija li hemm ħafna suġġetti, u ma hemmx biżżejjed ħin għalihom. Għalhekk jekk jinsab mezz kif żewġ suġġetti jkunu jistgħu jiġu mlaqqa' flimkien żgur li dan ikun ta' vantaġġ għall-edukazzjoni.

Min-naħa l-oħra dan it-tagħlim fil-qasam tad-drappijiet u d-disinji jista' jagħti żvilupp ġdid fil-qasam ta' l-artiġġjanat u hekk nibdew nipproduċu aħna wkoll.

Huwa appella lill-għalliema biex jagħmlu l-iskola bħala ċentru tal-belt jew raħal li jkunu fih. Bħalissa qed tingħata mportanza kbira għar-relazzjonijiet bejn l-iskola u l-kommunità, għaliex huwa importanti li l-ġenituri jkunu jafu x'qed isir fl-iskejjel.

Preżenti għaċ-ċerimonja kien hemm ukoll id-Direttur ta' l-Edukazzjoni, Dr Francis Chetcuti.

* * *

## GĦOTJA TA' PREMJIJIET — SKEJJEL TAS-SNAJJA'

**Sena Skolastika 1976-77**

Dan l-aħħar fl-iskola tas-Snajja' Umberto Calosso, taħt il-patroċinju tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onor. Philip Muscat, saret iċ-ċerimonja tal-Għotja ta' Premjijiet lill-Istudenti ta' l-iskejjel tas-Snajja' ta' Fellenberg, Furjana (Subien), Furjana (Bniet), Għammierei, Raħal Ġdid, l-Isla, Tarġa Gap u Santa Venera.

Il-programm ġie inawgurat billi l-orkestra ta' Umberto Calosso daqqet bċejjeċ ta' mużika ta' George Bizet u Trevor L. Sharpe, filwaqt li l-iskola tas-Snajja' bniet tal-Furjana taw żifna Maltija.

L-Assisstent Direttur ta' l-Edukazzjoni Teknika, is-Sur Carmelo Cuschieri, imbagħad għamel diskors għall-okkażżjoni fejn wera l-progress li sar f'dawn l-iskejjel matul l-aħħar sena.

Wara li l-Onor. Muscat ippreżenta l-premjijiet lir-rebbieħa, huwa ndirizza lill-mistednin, l-għalliema u l-istudenti. Beda biex feraħ lil dawk l-istudenti rebbieħa u ħeġġiġhom biex ikomplu jieħdu l-istudju tagħhom bis-serjetà. Ħeġġiġhom ukoll biex ikomplu jieħdu parti attiva fl-Isports, Drama, Karnival u attivitajiet kulturali oħra sabiex ilkoll ikunu ċittadini mhux biss li jagħmlu ġid lilhom infushom iżda wkoll jagħmlu unur lil pajjiżhom.

Ħabbar ukoll il-ħsieb li ssir leġislazzjoni sabiex jiġu introdotti liċenzji tas-snajja' ħalli meta żagħżugħ jew żagħżugħa jmorru japplikaw għax-xogħol kulħadd ikun jaf f'hiex inhuma kwalifikati.

Fl-aħħarnett l-Onor. Philip Muscat irringrazzja lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni, Dr. Francis Chetcuti, il-kapijiet ta' l-iskejjel, l-għalliema u l-ġenituri tal-koperazzjoni u għajnuna li dejjem sab.

*DAWRA MAL-GŻEJJER*

# SAN PAWL IL-BAĦAR

Sa ftit taż-żmien ilu, San Pawl il-Baħar ma kienx għajr raħal bi xtajta sabiħa mfittex biss għall-btajjel tas-sajf bħal ma kien hawn bosta mkejjen oħra f'Malta. B'danakollu l-għadd ta' nies li joqogħdu fil-lok huwa kbir u ma jista' bl-ebda mod jiġi megħlub mill-barranin. Dan jix-hed l-għadd kbir ta' bini li tela' u vilel sbieħ li tara kull fejn iddawwar wiċċek.

L-ewwel lok li nsibu f'San Pawl il-Baħar hi d-daħla tal-baħar imsejħa Benwarrat jew Bur Marrad (Benwarrat — iben werriet antikament ivvenerat. Bur Marrad — art jew bir li jmarrad Aktarx minn xi ilma qiegħed). Dan hu port jew qalgħa tas-Salini li jinsab quddiem il-grigal. Din s-salini tasal sa taħt San Mikiel. Igħdu li hawn kienet teżisti l-Villa ta' San Publiju, fejn inzerta missieru marid meta ġie San Pawl u fejjaqulu.

Ta' Benwarrat insibu wkoll promontorju, art li toħroġ b'kosta ta' mil u nofs. Din il-ħarġa ta' art tagħti żewġ ponot ewlenin — waħda Ras il-Għallis, u l-oħra Ras Benwarrat.

**FORTIFIKAZZJONIJIET**

Minn żmien għall-ieħor il-Bajja ta' San Pawl ġiet fortifikata tajjeb b'fortizzi, trunċieri u batteriji biex ma jħallux l-għedewwa jinżlu l-art. L-Ordni kienet iffortifikat din l-art bi trunċiera li tibda mis-Salini sa Buleben, b'tant fossati u revellini li wara ġew abbandunati. F'dan id-distrett insibu bosta fortifikazzjonijiet, li ħafna minnhom ilhom li spiċċaw.

Wieħed mill-aktar Gran Mastri li ħaseb biex in-nies ta' dawn l-inħawi jkunu mħarsa kif jixraq, kien Alofio Wignacourt, li ta biex ingħidu hekk l-enerġija tiegħu kollha għall-bini ta' difiża tajba:

**It-Torri ta' San Pawl** — imsejjaħ hekk minħabba li jinsab fil-bajja u l-ewwel ġebla tiegħu qiegħda hu personalment fl-10 ta' Frar, 1610.

**Mill-Ktieb**
**"BLIET U RĦULA MALTIN"**
**ta' Alfie Guillaumier**

**Żewġ Batteriji** — li jinsabu fl-istess bajja li bnihom fl-1619.

**It-Torri ta' Benwarrat** — dan jinsab f'ras il-promontorju li jġib l-istess isem u bnih fl-1618.

**Ir-Ridott tas-Salini** — bnih fl-1610 meta bena t-torri li hemm fil-bajja ta' San Pawl.

**It-Torri tal-Qawra** — bnih fl-1620.

**Tal-Vendomu** — din hi batterija li bniha De Redin fl-1656. Gran Mastri oħrajn bnew ukoll fortifikazzjonijiet tajbin u fosthom insibu:—

**It-Torri l-Aħmar** bnietu l-Università fl-1648, u dan sar bis-saħħa tal-Kunsill ta' l-Ordni mlaqqa' fit-13 ta' Jannar, 1647 mill-Gran Mastru Lascaris fejn wera xewqtu li jdawwar il-plajja bil-fortizzi.

**Il-Batterija tal-Mistra** — din il-batterija bniha De Redin fl-1658.

**Ir-Ridott ta' Buleben** — Pinto bena dan ir-ridott fl-1770.

**Il-Batterija ta' San Pawl** — saret fi żmien l-Ingliżi fl-1884.

**SAN PAWL IL-BAĦAR — Parroċċa**

Sa mill-1436 San Pawl il-Baħar kien jagħmel sehem mill-matriċi tan-Naxxar. Fl-1905 saret Parroċċa u nħallet darba għal dejjem dik ir-rabta li kellhom bejniethom.

Din il-bajja sabiħa u pittoreska ħadet isimha mill-miġja ta' San Pawl. Kien jixraq tassew li l-miġja ta' l-Appostlu fostna tibqa' miftakra bl-isem ta' "San Pawl" u billi r-raħal jaħbat fuq ix-xtajta, ġie jismu "San Pawl il-Baħar".

Fl-1901 kellu popolazzjoni ta' 185 ruħ. Fl-1961, San Pawl il-Baħar kellu 3,323 ruħ.

**Arma** — Skud maqsum fi tlieta —ta' fuq ċelesti b'Salib f'nofsu li jissimbolizza l-fidi; tan-nofs baħar u t'isfel art. F'nofs l-art hemm il-ħuġ-ġieġa u l-lifgħa, u turi l-miraklu ta' San Pawl.

**Motto — "In Christo Renati Sumus"** (Fi Kristu Twelidna mill-Ġdid).

**ID-DULURI TAL-MADONNA — Knisja Parrokkjali** — Il-knisja qadima ta' San Pawl kienet ilha magħquda man-Naxxar u l-Mellieħa sa mill-1436. Meta l-poplu beda jikber inħasset il-ħtieġa li ssir knisja akbar. Indaħlu għal biċċa xogħol il-Patrijiet Minuri Konventwali u inqalgħet biex tibnija t-twajba armla Markiża Anna Bugeja u dan għamlitu bħala kommemorazzjoni tal-Ġub-lew tas-sena 1900.

Fid-9 ta' April, 1905 din il-knisja ġiet miftu-ħa u tbierket solennement minn Monsinjur Salv. Grech D.D. Vigarju Ġenerali u Delegat tal-Arċis-qof Pietru Pace. Dak in-nhar stess intħareġ id-degriet li ġiet imwaqqfa f'parroċċa u nħatar bħa-la l-ewwel Gwardjan tal-Kommunità u Kappillan, Patri Majjistru Antonju Hyzler, S.Th.D.

**Knejjes Oħra** — Knejjes oħra huma: "San Pawl — Knisja Viġendarja; il-knisja ta' San Pawl Milqgħi; il-Knisja tal-Karmnu qrib Għajn Rażul; ta' San Ġwann l-Għammiedi u dik ta' San Ġorġ fuq l-għolja tal-Wardija; dik tal-Qalb ta' Marija f'Burmarrad; ta' San Martin u oħra ta' Sant'Anna fuq il-wied tal-Pwales; tal-Madonna ta' l-Abban-dunati f'Tal-Ballut; dik ta' Santa Margherita msejħa ta' Għajn Riħana; tal-Kunċizzjoni li tin-sab f'Wied Kanotta; tal-Grazzja fl-"Imrieħa"; ta' San Ġużepp fil-Manikata; ta' San Ġwann f'Bu-ġibba u fl-aħħarnett dik ta' San Ġużepp Ħad-diem fix-Xemxija. Minbarra dawn insibu wkoll il-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani ta' Malta.

**Il-"Kennedy Grove"** — Fis-Salina, fid-29 ta' Mejju, 1966, saret ċerimonja tal-ftuħ tal-Masġar li sar għal ġieħ il-mejjet President Amerikan John F. Kennedy.

**Il-Villa ta' San Publju** — Tista' tgħid li l-isto-riċi kollha ppruvaw jikxfu l-lok sewwa fejn San Publiju kellu l-villa tiegħu fil-kampanja li fiha laqa' lil San Pawl u lil sħabu wara l-għarqa. Ix-xjuħ tagħna jgħidu li l-villa ta' San Publju setgħet kienet fil-Port ta' San Pawl fejn wara nbniet il-knisja ta' San Pawl. Il-laqam ta' din in-naħa jgħidulu Benwarrat li tfisser "tifel-werriet", u dan jaqbel sewwa għal San Publju billi dan kien werriet ta' missieru. Fuq din il-għolja, l-Prinċep tal-gżira kellu l-oqsma u d-dar tiegħu għaliex fl-Atti tal-Appostli fil-Kap. 28 vers 7 igħid hekk: "Fl-istess inħawi (jiġifieri fejn salvaw) kien hemm l-artijiet ta' l-ewlieni tal-gżira; li kien jis-mu Publju; li laqagħna mill-aħjar għall-tlett ijiem".

Fuq il-għolja tal-Wardija kienet twaqqfet sta-twa kbira ta' San Publiju biex tfakkar il-lok fejn darba dan il-qaddis sama' għall-ewwel darba leħen l-Appostlu tal-Ġnus.

**Għajn Rażul** — Skond it-tradizzjoni qadima, dik il-għajn qrib il-baħar fetaħha San Pawl wara l-għarqa biex jaqta' l-għatx ta' sħabu. L-isem stess "Rażul" jixhed kemm din it-tradizzjoni hi antika. Din il-kelma li llum ħadd ma jaf biha, hi mnissla mill-Feniċju li tfisser "Appostlu".

**Fdalijiet ta' żmien il-qedem** — Oqbra qod-ma nstabu fl-"Erbgħa Mwieżeb", f'Ħal Dragu, fil-Wardija, f'Burmarrad, u fit-Tulliera tal-Imberdin, u fix-Xemxija.

F'Buġibba kien instab fdal ta' Tempju. F'"Tal-Bidni" nstab fdal ta' mgħassra taż-żejt.

Fl-artijiet ta' "Djar id-Dwieb u f'qiegħ il-baħar fil-Qawra kien instab fdal Ruman.

**Villa Rumana f'San Pawl Milqgħi** — Fl-1965 il-Missjoni Arkeoloġika Taljana mmexxija mill-Prof. Sabatino Moscati mgħejuna mill-awtorita-jiet tal-Mużew Nazzjonali, il-Kaptan Zammit u s-Sur Francis S. Mallia, ħaffru madwar il-knisja ta' San Pawl Milqgħi u minn dan ix-xogħol instabu l-fdal ta' Villa Rumana.

**San Pawl tal-Gżejjer** — Fl-aħħarnett insem-mu l-"Gżejjer". Ftit 'l hinn mix-xtajta tal-Port ta' San Pawl tagħlaq il-bokka firxa żgħira ta' art: il-gżira ta' Selmun, magħrufa l-aktar bħala "San Pawl tal-Gżejjer". Hija ħadet dan l-isem minħab-ba li fl-1845 ġiet imwaqqfa fuqha statwa kolossali ta' San Pawl jippriedka, xogħol l-iskultur Ġis-mond Dimech.



DEHRA MILL-AJRU TA' SAN PAWL IL-BAHAR

IPPUBBLIKAT MID-DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI — STAMPAT FL-U.C.S. — STAMPERIJA TAL-GVERN